

Appell ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2009 minn Luigi Marcuccio mid-digriet tal-4 ta' Novembru 2008 tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-18/07, Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-32/09 P)

(2009/C 69/111)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Appellant: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komuntajiet Ewropej

Talbiet tal-appellant

— F'kull każ:

(A.1) tannulla d-digriet ikkontestat fit-totalità tiegħu u mingħajr eċċezzjoni.

(A.2) tiddikjara li r-rikors fl-ewwel istanza kien perfettament ammissibbli.

— Prinċipalment:

(B.1) tilqa' t-talbiet imressqa mir-rikorrent fir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza fit-totalità tagħhom u mingħajr eċċezzjoni;

(B.2) tikkundanna lill-appellanta tħallas lura lill-appellant l-ispejjeż kollha sostnuti minnu kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell;

— Sussidjarjament:

(B. 3) tirrinviya l-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, fkompożizzjoni għda, sa biex jiddeċiedi mill-għid dwarha.

Aggravji u argumenti prinċipali

Dan l-appell huwa magħmul kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-4 ta' Novembru 2008, adottat fil-Kawża F-18/07 L. Marcuccio vs Il-Kummissjoni, li ċaħad ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent bħala manifestament inammissibbli.

Insostenn tat-talbiet tiegħu, l-appellant iressaq l-aggravji li ġejjin:

— Nuqqas assolut ta' motivazzjoni tal-allegazzjonijiet li jikkonċernaw il-kwalifika tan-nota tal-11 ta' Ottubru 2005, imsemmija fil-punt 3 tad-digriet appellat, u tat-talba bbażata fuq l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal u għall-applikabbiltà konsegwenti, fil-każ inkwistjoni, tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal.

— Nuqqas assolut ta' motivazzjoni tal-allegazzjonijiet li jikkonċernaw id-data li fiha n-nota tal-11 ta' Ottubru 2005 waslet lill-appellata u d-data li fiha ngħatat id-deċizzjoni kkontestata daħlet fis-seħħ.

— Illegalità tal-kunsiderazzjonijiet li jikkonċernaw l-allegata inammissibbiltà manifesta tar-rikors fl-ewwel istanza fit-totalità tiegħu.

Nuqqas assolut ta' motivazzjoni, anki minħabba nuqqas assolut ta' investigazzjoni, fir-rigward tad-data tal-preżentata tar-risposta, u żbalji fil-proċedura, minħabba nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li ma jiġix ikkunsidrat il-kontenut tar-risposta peress li ġiet ippreżentata tardivament.

— Ksur tad-dritt għal smiġh xieraq, tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2009 — Procaps vs UASI — Biofarma (PROCAPS)

(Kawża T-35/09)

(2009/C 69/112)

Lingwa tar-rikors: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Procaps, SA (Barranquilla, Kolombja) (rappreżentant: M. Vidal-Quadras Trias de Bes, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Biofarma SAS (Neuilly sur Seine, Franza)

Talbiet tar-rikorrent

— Annulament tad-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-24 ta' Novembru 2008 fil-Każ R 867/2007-4, li ġiet innotifikata lill-partijiet fil-25 ta' Novembru.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Procaps, SA

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark verbali "PROCAPS" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 3.519.394) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 35, 39, 40, 44.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: BIOFARMA, société par actions simplifiée.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark verbali, nazzjonali u internazzjonali, "PROCAPTAN" għal prodotti fil-klassi 5.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda.